**Imhallfin:**

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Gauci *versus* Emmanuele Cachia

## Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Alternative Accomodation" — "Hardship" — Żgumbrament.

*Skond il-liġi, l-offerta ta' "alternative accommodation" mhix kondizzjoni "sine qua non" biex is-sid ikun jista' jiehu pussess tal-fond tiegħu.*

*U skond il-ġurisprudenza, is-sid li jitlob żgumbrat jista' jiehu pussess tal-fond tiegħu li hu mikri għand kaldiekor biex imur joqgħod fih, għax hu jsofri "hardship" akbar jekk it-talba tiegħu tiġi miċħuda, milli jista' jsofri l-kerrej, anki jekk għal dan ma jkunx hemm "available accomodation", jekk dik it-talba tiġi milqugħa.*

*Fil-każ, imbagħad, li s-sid li hu żgumbrat joffri lill-inkwilin tiegħu "alternative accomodation", ma hux aċċettabili ċ-ċirkustanza li l-fond minnu offert huwa "available" anki għalih u jista', jekk irid, imur joqgħod fih hu, għax diversament kull min joffri "alternative accomodation" isib ruħu f'pożizzjoni agħar minn ta' min ma joffri xejn.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Carmelo Gauci quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab biex jerġa' jiehu taħt idejh il-fond numru 53 Triq San Patrizju, Valletta, mikri lill-intimat Emmanuele Cachia, għax għandu bżonnu għalih, waqt li offra bħala "alternative accomodation" il-fond numru 132 Old Mint Street, Valletta;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fil-11 ta' Mejju 1953, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Li huwa veru li r-rikorrent ma tantx huwa "suitably accomodated" fejn joqgħod il-lum bil-familja li għandu; imma l-intimat, fost il-ħamest itfal li għandu, għandu wieħed ta' 22 sena li huwa marid b'marda inkurabili, u li għandu bżonn joqgħod segregat minn ħutu l-oħra għal raġunijiet serji

ta' deċenza;

Li l-post fejn joqgħod il-lum l-intimat, kif ukoll dak li ġie offert bħala "alternative accomodation", ġew spezzjonati mill-Membri Tekniċi tal-Board, u dan l-eżami rriveła li l-post offert lill-intimat huwa assolutament inadattat għalih, għaliex fih ma hemm ebda kumdità biex it-tifel l-marid tiegħu jiġi appartat minn ħutu l-oħra, fosthom anki xebba ta' 13-il sena u tifla oħra ta' 7 snin;

Li mbagħad, jekk ir-rikorrent huwa akkomodat ħażin il-post offert lill-intimat huwa anki "available" għalih, u allura jista' jmur joqgħod fih hu;

Li indipendentement minn ċirkustanzi oħra riżultati, jidher li l-"hardship" ta' l-intimat kien ikun akbar kieku kellha tiġi milqugħa t-talba, milli jkun għar-rikorrent jekk tiġi miċħuda;

*Omissis*;

**Ikkunsidrat**;

Rat ir-rikors quddiem din il-Qorti, ta' l-imsemmi Carmelo Gauci, li talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Emmanuele Cachia;

Illi mix-xhieda ta' l-appellant quddiem din il-Qorti rriżulta li huwa ġie żgumbrat mill-fond fejn kien joqgħod fi Strada Santa Lucia, Valletta, u li fih l-istess Board irritjena li ma kienx "suitably accomodated". Dak l-iżgumbrament ġie prokurat mill-Housing Department meta sar jaf li l-appellant kien irnexxielu jottjeni l-lokazzjoni tal-fond numru 132 Old Mint Street, Valletta, bl-iskop u bil-kondizzjoni espressa li jista' joffri dak l-istess post bħala "alternative accomodation" lill-appellat Emmanuele Cachia (fol. 10) — dak li effettivament huwa għamel fl-istess rikors li fih talab ir-ripreża tal-fond tiegħu numru 53 Strada San Patrizju, Valletta. Fil-fatt il-lum l-appellant huwa bla dar, u jinsab rikoverat għand oħtu; u ċ-ċirkustanza rilevata fis-sentenza appellata, li l-fond offert hu anki "available" għall-appellant, li, jekk irid, jista' jmur fih, mhix aċċettabili; għaliex diversament kull min joffri "alternative accomodation" isib ruħu f'pożizzjoni agħar minn ta' min ma joffri xejn, jekk, wara li

jkun thabat u ghamel sagrificcju biex isib "alternative accomodation" x'jofri, dan jiswielu ta' dannu, billi jkun ta' ommissjoni li jiehu pussess tal-fond tieghu u jkollu jmur fil-post minnu stess offert;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-ligi, l-offerta ta' "alternative accomodation" mhix kondizzjoni "sine qua non" biex is-sid ikun jista' jiehu pussess tal-fond tieghu; u, kif gie deciż minn din il-Qorti (Kollez. Vol. XXXII—I—415, u 19 ta' Mejju 1952 in re "Sebastiano Trigona vs. Lungaro Mifsud), is-sid li jinsab żgumbirat, u jrid jiehu pussess tal-fond tieghu biex imur joqghod fih, isofri "hardship" akbar jekk it-talba tieghu tigi michuda milli jista' jsofri l-kerrej, anki jekk ghalih ma hemmx "available accomodation", jekk dik it-talba tigi milqugha. Fil-każ in eżami, il-fond offert, numru 132 Old Mint Street, Valletta, huwa "available" ghall-appellat Emmanuele Cachia; u din il-Qorti, fl-access li żammet, tant f'dan il-fond kemm fl-iehor li tieghu l-appellant qieghed jitlob ir-ripresa tal-pussess, kellha okkażjoni tikkonstata li l-kumditajiet rispettivi taż-żewg fondijiet huma, tista' tghid, ugwali, u s-segregazzjoni mehtiega ghat-tifel marid ta' l-imsemmi Cachia tista' ssir fl-imsemmi fond lilu offert u minghajr pregudizzju tas-sahha ta' dak it-tifel, skond kif xehed Dr. Cremona, quddiem il-Board (fol. 23) u anki quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-29 ta' Jannar 1954. F'dan il-post offert, numru 132 Old Mint Street, Valletta, l-appellant wera ruhu dispost li jaghmel a spejjeż tieghu W.C. f'wiehed mill-ambjenti indikati fil-pjanta fil-fol. 38, a xelta ta' l-appellat Cachia; u l-Qorti jidhrilha li jixraq li, bhala kondizzjoni ghall-akkoljiment tat-talba ta' l-appellant, ghandha tilqa' l-offerta tieghu u timponilu li jaghmel dak id-W.C.;

Ghaldaqstant;

Tilqa' l-appell, u tirrevoka s-sentenza appellata, billi tilqa' t-talba ta' l-appellant kontenuta fir-rikors tieghu taht dawn il-kondizzjonijiet :— (a) Li l-appellat, fi żmien tmint ijiem mil-lum, ghandu, b'nota wara l-atti ta' dan l-appell, jindika liema wiehed mid-W.C.'s prospettati fl-imsemmija pjanta fil-fol. 38 jixtieq li jigi maghmul mill-appellant, u fil-

każ li jonqos li jagħmel dina l-għażla, l-istess għażla tkun tmiss lill-appellant; (b) li l-appellant għandu, a spejjeż tiegħu, jagħmel dak *id-W.C. magħżul mill-appellat, jew minnu* skond il-każ; (c) u li l-istess appellat għandu jiżgombra mill-fond imsemmi fir-rikors, numru 53 Triq San Patrizju, Valletta, fi żmien xahar minn meta jkun lest l-imsemmi W.C. fil-post numru 132 Old Mint Street, Valletta; u li dan ix-xogħol ikun tlesta għandu jirriżulta minn dikjarazzjoni ġuramentata wara l-atti ta' dan l-appell, magħmula mill-A.I.C. George Muscat Fenech, imqabbad mill-appellant għad-direzzjoni ta' dak ix-xogħol. U t-terminu ta' xahar, kif fuq imPOST, *għandu jibda jgħaddi mill-jum li tkun saret l-imsemmija* dikjarazzjoni mill-A.I.C. George Muscat Fenech;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, in vista taċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-partijiet; iżda d-dritt tar-Reġistru għandu jitħallas mill-appellat Emmanuele Cachia, u dawk ta' l-aċċess jitħallsu bin-nofs.